**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Settembru, 2017**

**Talba Nru: 155/2017 PM**

**Avv. Joseph Gauci ghan-nom u in rapprezentanza ta' San Anton School**

**Vs**

**Eucharist sive Kris Bajada u Diana Bajada**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-27 ta' Marzu, 2017 permezz ta' liema gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur l-ammont ta' erbat elef u wiehed u sittin euro (Eur 4,061) rapprezentanti bilanc rimanenti minn ammont ikbar, rapprezentanti mizati u/jew spejjez ancillari dovuti lill-attur in konnessjoni ma' servizzi edukattivi rezi fuq talba tal-istess konvenuti a favur u a beneficcju ta' binthom Elena Bajada, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-2 ta' Settembru, 2015 u tal-5 t'April, 2016 kif

ukoll ta' kull mandat kawtelatorju li jista' jigi intavolat sakemm tinghata s-sentenza u l-imghax legali mid-data tal-interpellazzjoni tat-2 ta' Settembru, 2015 kontra l-istess konvenuti.

Illi l-konvenuti gew debitament ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tat-18 ta' Settembru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-18 ta' Settembru, 2017 u fil-fatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi fir-rigward tal-ittri legali ma tressqet ebda prova tal-istess u lanqas ma gie likwidat mill-attur l-ammont mitlub fir-rigward tal-istess.

Illi stante li l-azzjoni hija wahda ghall-enfurzar ta' obbligu prettament civili, l-imghaxijiet fuq is-somma mitluba ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika skont il-ligi tal-azzjoni odjerna lill-intimati.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun altrimenti emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba limitatament billi jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-istess attur is-somma ta' erbat elef u wiehed u sittin euro (Eur 4,061) rapprezentanti bilanc rimanenti minn ammont ikbar, rapprezentanti mizati u/jew spejjez ancillari dovuti lill-attur in konnessjoni ma' servizzi edukattivi rezi fuq talba tal-istess konvenuti a favur

u a beneficcju ta' binthom Elena Bajada, bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna kontra l-istess konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**